# TRIBUNAL INDUSTRIJALI

## Interpretazzjoni tad-Decizjoni Nru. 943

KAZ NRU. 1111

Fit-Tilwima tax-Xoghol

bejn

Union Haddiema Maghqudin

u

De La Rue Currency & Security Print Ltd

dwar ingustizzji li qed isofru Ms Connie Mifsud u Ms Diane Debattista

Data : 17 ta' Lulju, 1998

**Chairman : Is-Sur Albert J. Tabone**

**Membri : Is-Sur Alfred Buhagiar**
**Is-Sur Joseph G. Vassallo**

1. Fil-21 ta' Mejju 1998 l-avukat Andrew Borg Cardona, ghannom ta' De La Rue Currency & Security Print Ltd., issottometta talba ghall-interpretazzjoni tad-Decizjoni Nru. 943 moghtija minn dan it-Tribunal fil-11 ta' Mejju 1998. Kopja tar-rikors imsemmi giet mghoddija lill-Union Haddiema Maghqudin fid-29 ta' Mejju, 1998.

2. Il-partijiet ghamlu sottomissjonijiet u kummenti verbali f'seduta li nzammet fit-23 ta' Gunju 1998.

3. It-Tribuanl innota li s-sottomissjoni ta' De La Rue Currency & Security Print Ltd :

a) ghalkemm prezentata bhala talba ghal interpretazzjoni, mhiex ghajr nota ta' osservazzjonijiet fuq il-konsegwenzi ta' l-imsemmija decizjoni u suggeriment dwar kif l-imsemmija decizjoni tigi mibdula biex ma jinholqux problemi lill-kumpanija;

b) indirettament timplika li d-decizjoni msemmija kienet intiza biex tilqa' il-pretenzjonijiet tal-haddiema in kwistjoni fil-kuntest tal-fatt li ma baqghux jircievu "allowance" li draw jircievu;

c) timpernja fuq kategorija ta' impjegati - FEMALE SECURITY GUARD - li ma tidher f'ebda Ftehim Kollettiv iffirmat mill-1986 sal-lum bhala grad.

4. Wara li ra l-imsemmija sottomissjoni u wizen dak li ntqal mill-partijiet fis-seduta tat-23 ta' Gunju 1998, it-Tribunal jikkonferma in toto paragrafu 9 ta' Decizjoni Nru. 943 li hu car u ma jaghti ebda lok ghall-interpretazzjoni u jordna lill-kumpanija biex minnufih tibda' twettqu specjalment fir-rigward tas-sub-paragrafu

9.2. Mhux kompitu tat-Tribunal jghid lil azjenda kif ghandha taghmel halli tissodisfa l-obbligi taghha.

---------------------

**Albert J. Tabone**
**CHAIRMAN**

---------------------

**Alfred Buhagiar**
**MEMBRU**

---------------------

**Joseph G. Vassallo**
**MEMBRU**

---------------------

**Edwin Spiteri**
**A/SEGRETARJU**

mrg